# Nadja Vera *

Fil-ħolm illi bħal dell jgħaddi minn ħsiebek,
bħal dell li jbus il-wiċċ t'ilmiet ferrieħa,
kemm ġmiel isaltan fik, Nadja sabieħa?

Fl-irqad titbissem kollok ħlewwa, u tidħak,
tidħak il-ħajja tat-tfulija tiegħek,
ħajja ta' żahar u ward li jikber miegħek.

Orqod, għax fik għad hemm il-ħolm tas-sema,
fik tikbes l-ogħna u l-isbaħ poeżija,
fik tixgħel ta' l-imħabba safja d-dija.

* * *

Le, inti ma taf xejn mid-dmugħ ta' niket,
u mit-twegħir ta' qalb li qed tinfena;
Int kewkba ċkejkna, ġmielek dawl il-hena.

Ommok tgħannilek dik il-għanja ħiemda,
inti tismagħha, u terġa' tqajjem rasek,
titfagħlha bewsa. . . .mbagħad tintilef f'nagħsek.

Fil-ħolm illi bħal dell jgħaddi minn ħsiebek,
bħal dell li jbus il-wiċċ t'ilmiet ferrieħa,
kemm ġmiel isaltan fik, Nadja sabieħa?

ĠUŻE CHETCUTI

---

* Tfajla ta' tliet snin, bint l-Ispettur Michael Kissaun, ħabib tiegħi. Tifla tgħidilha għoġla, dejjem ħelwa u fuq tagħha..